# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 24 ta' Frar 2022**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 7/16 JVC**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**1. Balsons Autoparts Company Limited (C 7948)**

**2. Costantino u Monica mizzewgin Balzan (K. I. numru 607952M u 577255M)**

**3. Michael Balzan (K. I. Numru 977049M)**

**4. Michael Balzan (K. I. Numru 977049M) u Keith Balzan (K. I. Numru 449888M), ilkoll bhala eredi ta' Louise Balzan (K. I. Numru759950M)**

**5. Anthony u Dolores mizzewgin Balzan (K. I. Numri 764255M u 84353M)**

**6. Mary Balzan (K. I. Numru 656832M), u**

**7. Anna Maria Abdilla (K. I. Numru 324161M), Margherita Jaccarini (K. I. Numru 301665M), Costantino Balzan (K. I. Numru 607952M), Anthony Balzan (K. I. Numru 764255M), Michael Balzan (K. I. Numru 977049M) u Mary Balzan (K. I. Numru 656832M), lkoll bhala eredi tal-mejjet Francesco Saverio Balzan (K. I. Numru 276125M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datati 17 ta' Lulju 1986 (Dok. A) u 17 ta' Dicembru 1987 (Dok. B) u tal-iskrittura private tal-25 ta' Mejju 1992 (Dok. L) is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta' Balsons Autoparts Company Limited;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-intimata socjeta' Balsons Autoparts Company Limited fis-somma ta' tlieta u sebghin elf, seba' mija u erbgha u ghoxrin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€73,754.56) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan u Overdraft Accounts"* ta' Balsons Autoparts Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. C1 sa C2, Dok. D1 sa D3 u Dok. E1 sa E2) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-18 ta' Lulju 2015 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datati 17 ta' Lulju 1986 (Dok. A) u 17 ta' Dicembru 1987 (Dok. B) u fi tlett skritturi privati datati 4 ta' Settembru 1987 (Dok. F), 14 ta' Settembru 1987 (Dok. G) u 2 ta' Gunju 1992 (Dok. H), il-konvenuti Costantino u Monica mizzewgin Balzan iggarantew flimkien u *"in solidum"* ma' Balsons Autoparts Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Balsons Autoparts Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

4. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datati 17 ta' Lulju 1986 (Dok. A) u 17 ta' Dicembru 1987 (Dok. B) u fi tlett skritturi privati datati 4 ta' Settembru 1987 (Dok. F), 14 ta' Settembru 1987 (Dok. G) u 2 ta' Gunju 1992 (Dok. H), il-konvenut Michael Balzan f'ismu proprju u bhala eredi ta' Louise Balzan, kif ukoll Keith Balzan bhala eredi ta' Louise Balzan iggarantew flimkien u *"in solidum"* ma' Balsons Autoparts Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Balsons Autoparts Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

5. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datati 17 ta' Lulju 1986 (Dok. A) u 17 ta' Dicembru 1987 (Dok. B) u fi tlett skritturi privati datati 4 ta' Settembru 1987 (Dok. F), 14 ta' Settembru 1987 (Dok. G) u 2 ta' Gunju 1992 (Dok. H), il-konvenuti Anthony u Dolores mizzewgin Balzan iggarantew flimkien u *"in solidum"* ma' Balsons Autoparts Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Balsons Autoparts Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

6. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi skrittura privata datata 2 ta' Gunju 1992 (Dok. H), il-konvenuta Mary Balzan iggarantiet flimkien u *"in solidum"* ma' Balsons Autoparts Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Balsons Autoparts Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

7. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datati 17 ta' Lulju 1986 (Dok. A) u 17 ta' Dicembru 1987 (Dok. B) u zewg skritturi privati datati 4 ta' Settembru 1987 (Dok. F) u 14 ta' Settembru 1987 (Dok. G), il-konvenuti Anna Maria Abdilla, Margherita Jaccarini, Costantino Balzan, Anthony Balzan, Michael Balzan u Mary Balzan, ilkoll eredi tal-mejjet Francesco Saverio Balzan (K. I. 276125M), iggarantew flimkien u *"in solidum"* ma' Balsons Autoparts Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Balsons Autoparts Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

8. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokumenti A, B, F, G, H, I, J, K, L, u M), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti:

(a) Naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

9. Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

10. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' hames ittri ufficjali datati 1 ta' Settembru 2014 li kopja taghhom qed tigi hawn ezebita u mmarkata Dok. N, Dok. O, Dok. P, Dok. Q u Dok. R, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dokumenti "A", "B", "F", "G", "H", "I", "J", "K", "L" u "M") partikolarment imma mhux esklussivament billi l-konvenuti (a) naqsu milli jhallsu l-

pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, u

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu flimkien u *"in solidum "* bejniethom lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlieta u sebghin elf, seba' mija u erbgha u ghoxrin Ewro u sitta u hamsin centezemu (€73, 754.56) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan u Overdraft Accounts"* ta' Balsons Autoparts Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. C1 sa C2, Dok. D1 sa D3 u Dok. E1 sa E2) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-18 ta' Lulju 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Minghajr pregudizzju ghall-somom ohra ta' flus dovuti mill-konvenuti Costantino u Monica mizzewgin Balzan lis-socjeta' attrici li ghalihom is-socjeta' attrici qed tipprocedi f'gudizzju separat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 1 ta' Settembru 2014 kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata Mary Balzan, Anna Maria Balzan, Margherita Jaccarini, Costantino Balzan u Monica Balzan li taqra kif isegwi:

1. 'Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza t-talba tas-socjeta' attrci sabiex l-intimati **kollha** jigu kkundannati

solidalment ihallsu l-ammont intier ta' €74,754.76c ma tista' qatt tigi milqugha.

2. Illi l-kuntratti pubblikati min-Nutar Tonio Spiteri fis-17 ta' Lulju 1986 u 17 ta' Dicembru 1987, ezebiti mar-rikors guramentat rispettivament bhala Dok. A u Dok. B jikkoncernaw <u>*overdraft facility*</u> moghtija lis-socjeta' kummercjali Balsons Autoparts Company Limited, filwaqt li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici jirraprezenta l-aggregat ta' ammonti allegatament dovuti fuq zewg kontijiet, senjatament Kont Numru 40019776123 (gja kont numru 16702862019) intestat *"Overdraft Reducing Only"* u Kont Numru 36702862015 intestat *"Loan"*. Dana huwa rifless fit-talbiet attrici fejn issir referenza ghal *"Loan u Overdraft Accounts"* kif ukoll fl-ittri ufficjali minnha ezibiti. Fil-fatt mid-dokument ezibit a fol. 40 tal-process gudizzjarju jirrizulta f'mod car minn fejn jorigina dana *loan,* li ghalih l-eccipjenti ma jistghu ikunu qatt mizmuma responsabbli ghall-hlas tieghu. Huwa ghalhekk evidenti li dawka t-talbiet attrici li jikkoncernaw bilanci rizultanti mill-*loan account* ghandhom jigu skartati.

3. Illi z-zewg kuntratti pubblici fuq imsemmija jghidu espressament illi l-*limit* kumplessiv ta' LM25,000 (ekwivalenti ghal €58,234.33c) ma seta' jigi qatt maqbuz, meta l-bilanci reklamati juru mod iehor.

4. Illi l-*guarantee forms* li a bazi taghhom qieghda wkoll issejjes il-kawza taghha s-socjeta' attrici kellhom limiti u kundizzjonijiet specifici fir-rigward ta' kull garanti, liema limiti u kundizzjonijiet ghandhom jigu rispettati u rigorozament applikati. Inoltre, ghandu jigi ta' bilfors

determinat fir-rigward ta' liema debiti kull *guarantee form* kienet qieghed tigi ffirmata, u jekk ghadhiex valida.

5. Illi mill-atti jirrizulta illi l-kumpanija dahlet f'varji akkordji mal-Bank of Valletta plc li jmorru ferm lil hinn minn dawka originali miftiehma bis-sahha tal-atti pubblici u skritturi fuq imsemmija, u ma jirrizultax illi l-eccipjenti kienu b'xi mod involuti f'tali akkordji, u wisq anqas ma jistghu jigu meqjusa bhala responsabbli *qua* garanti solidali f'dak ir-rigward.

6. Illi s-socjeta' attrici ghandha tipprova kif waslet ghall-bilanci li qieghdha tirreklama bis-sahha ta' dina l-kawza, kif ukoll tispjega x'negozjati u akkordji sehhew matul is-snin ma' Balsons Autoparts Company Limited u mal-bqija tal-intimati f'dina l-kawza. Hija ghandha tispjega wkoll kif waslet sabiex tirrilaxxja proprjeta' immobbli li mill-atti ezebiti mill-istess socjeta' attrici qieghda sservi ta' *collateral* ghall-obbligi tal-istess Balsons Autoparts Company Limited.'.

Rat illi fil-verbal tas-26 ta' Mejju, 2016 (fol. 93) din il-Qorti diversament preseduta ddikjarat lill-intimati Keith u Michael Balzan kontumaci;

Rat illi fil-verbal tas-6 ta' Ottubru, 2016 (fol. 94) din il-Qorti diversament preseduta ezentat lill-Bank rikorrenti mis-sigriet bankarju u dan partikolarment b'referenza ghall-hames eccezzjoni tal-intimati li rrispondew u ordnat li l-process jinzamm fis-sigrieta accessibbli biss ghall-partijiet;

Rat illi fl-istess verbal tas-6 ta' Ottubru, 2016 giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr Mariella Schembri Gonzi sabiex tkompli bil-gbir tal-provi;

Rat il-bosta dokumentazzjoni u xiehda fl-atti;

Rat illi fil-verbal datat 7 ta' Ottubru 2021 il-partijiet inghataw termini ghas-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub filwaqt li r-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tar-rikors guramentat odjern il-Bank rikorrenti qed jitlob li s-socjeta' intimata Balsons Autoparts Company Limited bhala d-debitrici principali u l-intimati l-ohra bhala garanti solidali tal-istess socjeta' ntimata jigu kkundannati jhallsu *in solidum* is-somma ta' €73,754.56 wara li jigi dikjarat minn din il-Qorti li sehhew eventi li permezz taghhom inkisru l-obbligi fil-konfront tal-Bank kif miftiehem u allura s-somma kollha saret dovuta lill-Bank rikorrent.

Jirrizulta li kienu biss l-intimati Mary Balzan, Anna Maria Balzan gia Abdilla, Margherita Jaccarini, Costantino Balzan u Monica Balzan li prezentaw risposta fl-atti. Il-bqija tal-intimati debitament notifikati ma prezentawx risposta u ghalhekk huma kollha kontumaci f'dawn il-proceduri.

Rat il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 17 ta' Lulju, 1986 Dok A a fol. 6 fl-atti bejn il-Bank rikorrent u s-socjeta' Balson Autoparts Company Limited u wkoll Anthony, Michael, Costantino ahwa Balzan u Francis Xavier Balzan lkoll

personalment bhala garanti fejn giet moghtija facilita' over-draft ghas-somma ta' Lm15,000 u l-kuntratt datat 17 ta' Dicembru, 1987 ukoll fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri Dok. B a fol. 12 tal-process ukoll bejn il-Bank rikorrent u s-socjeta' Balson Autoparts Company Limited u wkoll Anthony, Michael, Costantino ahwa Balzan u Francis Xavier Balzan lkoll personalment bhala garanti fejn giet estiza l-facilita' over-draft bis-somma ta' Lm10,000 ghas-somma massima ta' Lm25,000.

Rat ukoll l-*istatement of account* relatat mal-kont numru 40019776123 f'isem is-socjeta konvenuta Balson Autoparts Company Limited a fol. 20-21 fit-total sas-17 ta' Lulju, 2015 fis-somma ta' €21,386.09 (Lm 9,181,05), rat l-*istatement of account* relatat mal-kont numru 36702862015 f'isem is-socjeta konvenuta Balson Autoparts Company Limited (a fol. 23 et seq) fit-total sad-data tas-17 ta' Lulju, 2015 fis-somma ta' €40,112.31 (Lm 17,220.21) rat ukoll l-*istatement of account* relatat mal-kont numru 40019788247 ukoll f'isem is-socjeta konvenuta Balson Autoparts Company Limited a fol. 26 et seq fis-somma sad-data tas-17 ta' Lulju, 2015 ta' €12,226.16 (Lm 5,248.69).

Rat ukoll l-iskritturi privati konsistenti f'garanziji moghtija, dik datat 4 ta' Settembru 1987 bejn l-intimat Costantino Balzan u l-Bank rikorrenti a fol. 28 et seq, dik datata 14 ta' Settembru, 1987 bejn l-intimati Francis Balzan, Anthony Balzan, Michael Balzan u Costantino Balzan mal-Bank rikorrent a fol. 30 et seq , dik datata 2 ta' Gunju, 1992 bejn l-intimati Mary Balzan, Anthony Balzan, Michael Balzan u Costantino Balzan mal-Bank rikorrent a fol. 32 et seq, dik datata 4 ta' Settembru 1987 bejn Michael Balzan u l-Bank rikorrent a fol. 34 tal-process, dik datata 4 ta' Settembru, 1987 bejn Anthony Balzan u l-Bank rikorrent a fol. 36 et seq, dik datata 17 ta' Lulju, 1996 bejn l-intimat Anthony u Maria Dolores Balzan mal-

Bank rikorrent a fol. 38 et seq, dik datata 25 ta' Mejju, 1992 bejn is-socjeta ntimata Balson Autoparts Company Limited u l-Bank rikorrent a fol. 40 u dik datata 4 ta' Settembru 1987 bejn Francis Balzan u l-Bank rikorrent a fol. 46.

Rat il-hames ittri ufficjali lkoll datati l-1 ta' Settembru, 2014 esebiti a fol. 49 et seq ilkoll indirizzati komplessivament lill-intimati kollha jew aventi causa u li permezz taghha gew interpellati jhallsu, fi zmien jumejn, is-somma ta' €71,352.85 bilanc ghad-debitu fil-"Loan U overdraft Accounts' mal-Bank of Valletta u flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mit-8 ta' Lulju, 2014.

Rat id-dokumentazzjoni ulterjuri esebita mill-Bank a fol. 220 et seq tal-process li izda jirrizulta li hija kopja ta' dak gia esebit fl-atti.

Rat l-affidavit ta' Johanna Bartolo a fol. 73 et seq tal-process, rapprezentant legali tal-bank rikorrent fejn prattikament tikkonferma dak gia espost fir-rikors guramentat.

Rat l-affidavit ta' George Cassar White, Senior Relationship Manager mal-Bank rikorrent fid-dipartiment tar-Recoveries, f'liema affidavit huwa jispjega kif l-'Overdraft Facility' fis-somma ta' Lm25,000 (€58, 234.33) relattiva ghall-kont numru 40019776123 gie konsegwentement intestat ('Overdraft Reducing Only") u huwa garantit b'ipoteki elenkati fil-kuntratti tas-17 ta' Lulju, 1986 u l-kuntratti tas-17 ta' Dicembru, 1987 u wkoll id-diversi skritturi privati konsistenti f'garanziji gia suesposti. Dwar il-kont numru 36702862015 intestat 'loan' jghid li huwa kopert b'garanzija personali ta' Mary Balzan u l-ahwa Anthony, Michael u Costantino Balzan li jgibu d-data 2 ta' Gunju, 1992 (fol. 108 et seq). Il-kont numru 40019788247 huwa kopert b'garanzija personali ta' Anthony u Maria Dolores Balzan bi skrittura privata datata 17 ta'

Lulju 1996 (fol. 110 et seq). Ikompli jispjega fl-istess affidavit kif referibilment ghal kull kont l-ebda somma mitluba ma taqbez il-limitu tal-garanzija rispettivi moghtija mill-intimati. Izid li l-bilanci dovuti gew mahduma bil-bazi tas-'simple interest' cioe':

'bilanc dovut purifikat minn imghaxijiet komposti fir-rigward tal-"Loans", waqt li fir-rigward ta' "overdraft" ukoll mid-data tal-"call in" l-imghax inhadem bil-komputazzjoni semplici).' (fol. 97)

Ix-xhud izid li tul is-snin kien hemm diversi tentattivi ta' ftehim sabiex il-hlas isir izda sar biss pagament wiehed. Izid ukoll li mill-bejgh tal-proprjeta' numru 190, Lumic u l-garaxx 7 li jinfed fi Triq il-Ktajjen, Swieqi thallsu facilitajiet bankarji tal-kumpanija Anti-theft Electronics Co Ltd. (C7592) li skont dan ix-xhud taghmel parti mill-istess grupp ta' kumpaniji tas-socjeta' Balsons intimata. Izid li l-proprjeta' imsemmija giet rilaxxata bil-kunsens tal-intimata Mary Balzan. Ikompli li konsegwenza ta' dan il-pagament gew rilaxxati garanziji li ghamlu l-intimati favur Anti-theft Electronics Co Ltd. Jelenka wkoll il-proprjeta' mmobiljari tal-intimati jew uhud minnhom li ghadha taghmel tajjeb ghad-dejn dovut indikat fil-kawza odjerna.

Rat id-dokumentazzjoni kollha esebita mal-istess affidavit.

Rat l-affidavit ulterjuri ta' George Cassar White a fol. 198 et seq tal-process datat 21 ta' Ottubru, 2020. F'dan l-affidavit tinghata spjegazzjoni ulterjuri dwar l-'overdraft' ta' Lm15,000 li kien isejjah lis-socjeta' Anti-Theft Electronics Company Ltd u li dan kien thallas bir-rilaxx tal-proprjeta' fl-ismijiet 10, Villa Lumic u Garage 7, Triq il-Ktajjen, Swieqi. Izid li:

'Fil-fatt fl-1 ta' April, 2015, €6,283.42 gew depozitati fil-kont numru 36702833015 u €41,266.17 gew depozitati fil-kont numru 36702833028. Ghaldaqstant, il-faciltajiet bankarji ta' *Anti-Theft Electronics Company Ltd* (C7592) inghalqu.'

Rat id-dokumentazzjoni ulterjuri annessa ma' dan l-affidavit dwar il-garanziji moghtija mill-intimati favur id-dejn ta' dik il-kumpanija.

Rat li fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2021 sar il-kontro-ezami tas-Sur George Cassar White a fol. 238 et seq. Huwa jikkonferma li l-kont numru 40019788247 (gia kont numru 36702862028) huwa kopert b'garanzija personali ta' Anthony u Maria Dolores mizzewgin Balzan, permezz ta' skrittura privata li ggib id-data tas-17 ta' Lulju 1996 Dok GVW 6. Jikkonferma wkoll li t-tlett kontijiet involuti fil-kawza odjerna jsejjhu lil Balsons Autoparts Co Ltd. Fuq domanda li s-somma mitluba originarjament fil-kawza odjerna ntalab li tithallas in solidum mill-intimati, jinsisti li fl-ewwel affidavit tieghu huwa elenka b'mod 'spezzetat' liema dejn huwa kopert minn liema garanziji.

B'referenza ghall-kuntratti fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri suesposti jikkonferma li t-tnejn jikkonsistu f'estensjoni ta' 'over-draft'. B'referenza ghall-overdraft facility bin-numru 40019776123 ghas-somma ta' €58,234.33 jixhed:

'l-overdraft meta jkun qed jahdem jibqa' jissejjah overdaft meta jkun hemm in-negozju ghaddej regolari; dhul u hrug normali. Meta l-bank jiddeciedi, jaghmel call in tal-facilitajiet u l-kont jieqaf, hemmhekk id-designation jew . . . tal-kont kif jissejjah tigi overdraft reducing only. Jigifieri l-bilanc minn hemm lil hinn jonqos biss. Ma jkunux jistghu johorgu debiti.'.

Mistoqsi li mhux 'loan' izda dejjem 'overdraft' jghid li teknikament gieli jissejjah 'loan' ghax jekk toqghod tqis li l-bilanc jinzel, jahdem l-istess bhal 'loan'.

Dwar il-kont bin-numru 37602862015 ix-xhud jispjega li jinqabad parti mill-bilanc u tintefa' f''loan' u tfisser li l-'over-draft' waqaf jahdem u sar 'reducing only'. Izid li allura jinqaleb n-numru tal-kont biex jigi qisu 'loan module':

'qisu loan ehe imma l-kuntratt originali jkun overdraft'.

Mistoqsi jekk il-'garantors' jigux avzati meta jsir dan jghid:

'Inkunu hargu sanction letters u hekk. Inkunu avzaw bir-restructuring li jkun sar. Ikun ristrutturar tal-facilitajiet . . . Tohrog sanction letter u jiffirmaha min ikun qed jiehu hsieb il-kumpanija.'

Izid li b'din il-procedura il-'garantors' jigi vantaggjati mhux svantaggjati. Jghid ulterjoment li mhux dejjem tohrog 'sanction letter' ghax jekk il-kont ikun lahaq mar-'recoveries' allura 'sanction letter' ma tinharigx ghax minn hemm ma jaghtux self gdid. Il-kont jinqaleb b'mod amministrattiv minn 'overdraft' ghal 'overdraft reducing only' li huwa 'loan module' fejn jibdew jidhlu l-pagamenti l-bilanc jinzel u debiti xejn. Dwar l-imghax jghid li meta jigi 'overdraft reducing only' l-imghax jigi bit-8%. It-8% skont dan ix-xhud tohrog mil-ligi ghaliex ikun hemm 'default' tal-hlas mill-klijent.

Mistoqsi kif seta' nqabez il-massimu ta' LM25,000 indikat fil-kuntratti quddiem in-Nutar Spiteri jghid li l-klijent ikun talab lill-'banch manager' biex jinqabez l-ammont u f'dan il-mument il-

garanti jigu mitluba jiffirmaw skrittura privata fuq formola tal-bank fejn permezz taghha iggarantixxu d-dejn. Ix-xhud jaghmel referenza ghad-dokumentazzjoni gia suesposta a fol. 28 sa 39 tal-process. Dwar dawn jixhed kif isegwi:

'il-bank jista' juzaha joint . . . hemm all monies clause fiha. Ikopri l-bilanci kollha jigifieri. Il-bank jista' juzaha fuq hawn, jista' juzaha fuq hemm. Ghalhekk nigi ghar-risposta li ghamilt fuq dan i-kont, issa qed tigini fil-memorja, tezisti all monies clause fuq dan fejn ghalhekk jiena fl-affidavit ghidtlek ta' Anthony Balzan u Mary Balzan, m'hemm xejn milli jzomm il-bank li ghal dak il-kont idur fuq wahda fuq dawn il-garaziji ghax huma qed jiggarantixxu d-dejn kollu ta' Balsons. Hemm klawsola jghidulha all monies clause li tkopri l-bilanc kollu. . . . . nikkonferma li meta tittiehed lag-01 din tkopri kull bilanc dovut lejn il-bank mill-principal debtor u il-garantor ma jistax jghid, "Qed naghmel tajjeb ghal dak il-kont partikolari." Imma din taghmel tajjeb ghall-kontijiet kollha. Il-bank jista' japplikaha ghal-liema kont irid hu u dan kif elenkat fid-diversi paragrafi tal-istess lag-01.'

Mistoqsi ghalfejn jissemmew l-ammonti jekk il-garanzija qed taghmel tajjeb ghal kollu prezenti, futuri jixhed:

'Ghax inti tipprova tillimta ghall-bilanc li jkun hemm dak iz-zmien. Jigifieri jekk ikun hemm overdraft ta' 25 u jkun hemm excess ta' 10, tkopri dak l-ammont. Meta naraw il-bilanc tiela' nkopruh aktar b'garaniji. Imma ovvjament imbaghad ma jfissirx li dik tmut ghax inghalaq kont minnhom. Din tista' tapplika ghall-kontijiet l-ohra li jkunu ghadhom miftuhin.' (fol. 247)

Rat li s-Sur Cassar White kompla jixhed fix-xiehda tal-25 ta' Gunju, 2021 (fol. 253 tal-process). Huwa kompla jispjega kif isegwi:

'Nispjega li l-kont 36702862015 intestat originarjament bhala temporary access fuq l–overdraft ta' Balsons Autoparts Ltd. Dan it-temporary access huwa rizultat ta' cheque return ta' Speedy Station Ltd u xi mghaxxijiet akkumulati. Ghaldaqstant fit-02 ta' Gunju 1992 l-imsemmi access gie konvertit go loan bl-account number 36702862015 Dok BOV1 u Dok BOV2 li qed nipprezenta hawn issa . . .
Issa BOV 1 ma tridx tarah wahdu. Triq tarah mal-BOV 2 li huwa l–istatement tal-overdraft ta' Balson Ltd. Dawn it-tnejn flimkien juru d-dettalji ta' din it-transazzjoni, jigifieri illi fit-02 ta' Gunju 1992 gie debtitata l-overdraft ta' Balsons Ltd B'8132 li kien overdraft Dok BOV 2 u dawn gew trasferiti go loan, ikkredita go loan bin-numru 36702862015 li huma mmarkat Dok BOV 1. Dik hija hive off ghax dan kien temporary access li gie konvertit go loan u dan it-temporary access kien cheques return ta' Speedy Station Ltd u xi mghaxxijiet akkumulati.'

Dwar id-dokument BOV 2 esebit jispjega:

'Dan id-dejn hu kopert b'garanzija personali li ggib id-data 02 ta' Gunju 1992 fuq il-formola tal-bank intestata LAG 01 flimkien u in solidum tal-werrieta tal-mejta Mary Balzan, Anthony Balzan, Michaelf Balzan, Costantino Balzan ghall-ammont ta'€77,176.80. Dan kollu hu spjegat fis-sanction letter li ggib id-data 25 ta' Mejju 1992 partikolarment kif spjegat fis-sezzjonijiet intestat purpose u security required rispettivament Dok BOV4. Fil-fatt meta wiehed janalizza l-garanzija personali Dok BOV3 u jqabbilha mas-sanction letter Dok BOV4. Qed nesebixxi Dok BOV 3 u Dok BOV4. Mela

Dok BOV 3 hija l-garanzija personali fuq il-formola tal-bank intestata LAG01 u Dok BOV 4 hija sanction letter ta' Balsons Ltd li ggib id-data tal-25 ta' Mejju 1992. . . . fil-fatt meta wiehed janalizza l-garanzija personali Dok BOV3 u jqabbilha mas-sanction letter Dok BOV4, johrog bic-car li t-tali garanzija ta' Lm33132, €77176.80 tkopri kemm l-overdraft facility ta' 25,000 u kemm il-loan ta' Lm8132, €18942.46 rispettivament. . . . nghid li fit-18 ta' Novembru 1994 saret hive off ta' Lm2040, €4751.92 billi gie kreditat l-overdraft facility f'isem Balsons Ltd bl-account number 16702862019 Dok BOV5 li turi transazzjoni tal-kreditu. . . Dan biex joqtol l-access li kiem hemm ta' 2040 u dan wara li l-imsemmi ammont ta' 2040 gie debitat minn loan gdid, jigifieri nfethet loan, giet debitata l-loan u gie kkreditat l-overdraft, 36702862028 li issa jgib l-account numru 400197882470 . . . inkompli nispjega l-fatt li dam id-debitu origina mill-overdraft facility f'isem Balsons Autoparts Co Ltd, dan hu kopert bid-diversi garanziji u ipoteki msemmija fis-sanction letter li ggib id-data 25 ta' Mejju 1992 ga ppresentat Dok BOV4 u bl-all monies clause li huma parti integrali mill-garanziji personali hawn fuq imsemmija.' (fol. 254)

Rat id-dokumentazzjoni kollha esebita mix-xhud kif suespost. Rat illi gie esebit 'statement of account at simple interest' aggornat b'referenza ghall-kont numru 36702862015 u dan fis-somma ta' €51,734.27 (Lm22,209.52) fid-data tas-6 ta' Mejju, 2021 (Fol. 255) u ghall-kont numru 40019788247 gia 36702862028 fis-somma ta' €14,447.97 (Lm 6,202.52) fid-data tas-6 ta' Mejju, 2021 (Fol. 265).

Rat li fis-seduta tas-16 ta' Settembru, 2021 rega' xehed George Cassar White in kontro-ezami. Huwa jikkonferma li l-uniku kont li huwa garantit b'ipoteki huwa il-kont 40019776123 izda jzid ukoll li z-zewg kontijiet l-ohra originaw minn hive off li saru mill-istess kont. Dan ifisser li jkun inghata 'temporary access' u ma jkunx

thallas allura tinfetah ‘loan’ fejn jigi kreditat l-‘overdraft’ u ddebitata l-‘loan’. Ix-xhud isostni li m’hemmx proprjeta` in garanzija ta’ dawn il-‘loans’ izda hemm il-garanziji personali. Izid ukoll li Margerit Balzan u Anna Maria Balzan qatt ma ffirmaw formoli ta’ garanzija izda gew imsejha fil-kawza bhala werrieta.

Rat ix-xiehda tal-intimata Mary Balzan a fol. 134 et seq tal-process mil-liema xhieda jirrizulta lill-Qorti li l-istess Mary Balzan ftit li xejn kienet tkun taf x’qed isir mir-ragel taghha u wliedha li kienu fethu l-kumpanija ntimata u dik bl-isem ta’ Anti-Theft Electronics Co Ltd. u kienet thalli kollox f’idejhom. Din ix-xhud la taf iffirmatx xi garanzija wisq anqas li sar rilaxx ta’ proprjeta’ f’isimha biex jithallas id-dejn. Rat li fis-seduta tat-28 ta’ Settembru, 2020 l-Assistant Gudizzjarju giet infurmata li kienet giet nieqsa l-intimata Mary Balzan.

Rat ukoll ix-xiehda tal-intimat Anthony Balzan a fol. 140 et seq tal-process. Hu jixhed li skont hu d-dejn mal-bank rikorrent thallas u dan permezz ta’ bejgh ta’ proprjeta’ 39/40 John Paul Street, Birkirkara u permezz ta’ bejgh ta’ karozza lussuza ta’ marka Austin Princess. Isostni li l-flus derivanti minn din il-proprjeta’ marru dritt ghand il-Bank. Huwa obbliga ruhu li jiprezenta fl-atti l-kuntratti rispettivi. Fix-xiehda ulterjuri tieghu a fol. 144 et seq tal-process izid proprjeta’ ohra fi Triq Brared, Birkirara ghax jghid li huma ‘combined’. Izid ukoll li skont hu d-dejn thallas ukoll permezz ta’ proprjeta’ ohra plot gewwa l-Ibrag. Jixhed li l-proprjeta’ fi Triq John Borg, Birkirkara inbieghet fis-sena 1998 ghas-somma ta’ Lm36,000 u li l-flus ghaddew kollha ghand il-Bank. Il-Karozza Austin Princess inbieghet ghas-somma ta’ Lm13,000 u saru kambjali favur il-bank li thallsu kollha. Izid li l-proprjeta’ tal-Ibragg ukoll inbieghet u l-flus marru ghand il-Bank u l-bilanc kien nizel xi Lm2,000. Jghid li l-kuntratti taghom tahom

lil George Cassar White fi hdan il-bank rikorrenti u li l-kuntratti tal-proprjeta' saru quddiem in-nutar tal-bank.

Ix-xiehda ta' Anthony Balzan tkompli a fol. 170 et seq tal-process. Jinsisti li l-kuntratti li semma fix-xhieda ta' qabel kienu saru taht id-direzzjoni ta' Norman Rosignaud fi hdan il-Bank li saz-zmien tax-xhieda kienu ilu xi snin nieqes. Izid li sa fejn jaf hu id-dejn originali kien fl-ammont ta' Lm70,000. Jinsisti li l-kuntratti mitluba minnu fix-xiehda precedenti hadhom lill-Bank fl-ufficcju tar-'recoveries' tlett darbiet izda r-rapprezentant legali jinsisti li dan ma kienx minnu.

Rat li fis-seduta quddiem l-Assistant Gudizzjarju tal-15 ta' Jannar, 2020 gie dikjarat li kienu mietu l-intimati Mary Balzan u Anna Abdilla u li dawn kien ilhom aktar minn sitt xhur mejta b'dan li skont il-ligi kif vigenti ma hemmx bzonn li jsir il-legittimazzjoni tal-atti.

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Illi minn dak kollu suespost jirrizulta lil din il-Qorti li filwaqt li l-Bank rikorrent ressaq xhieda u bosta dokumentazzjoni sabiex jissostanzja l-pretensjonijiet tieghu, l-intimati li mhux kontumaci ftit li xejn ressqu provi, anzi l-unici zewg xhieda li tressqu mill-intimati tharrku mill-istess Bank rikorrent u mhux tressqu mill-intimati.

Il-Qorti rat ukoll li l-intimati mhux kontumaci qajmu bosta eccezzjonijiet fir-risposta taghhom. L-unika provi sabiex jissostanzjaw dawn l-eccezzonijiet, jekk hu l-kaz, huma d-dokumenti mressqa mill-istess Bank u x-xhieda mressqa minnu partikolarment ix-xiehda ta' George Cassar White u xejn aktar.

Illi mill-atti l-Qorti rat li sad-data tal-prezentata tal-kawza odjerna jirrizultaw tlett kontijiet bankarji intestati lis-socjeta' intimata Balsons Autoparts Company Limited, wiehed 'over-draft' u tnejn ohra 'off-shoots' tal-istess 'over-draft' wara li dan inqabez il-limitu tal-'over-draft', oltre dak li kien permess mill-istess Bank. Is-somma globali dovuta sad-data tas-17 ta' Lulju, 2015 kienet dik ta' €73,724.56 (ara dokumenti a fol. 20 sa fol. 27). Il-kawza odjerna giet prezentata madwar sitt xhur wara nhar is-6 ta' Jannar, 2016 u fl-ammont hemm differenza ta' tletin Euro (€30) aktar mitluba fir-rikors guramentat. Fil-mori gew esebiti 'statements' aktar recenti tal-istess kontijiet a fol. 255 et seq tal-process datati 6 ta' Mejju, 2021 li juru bilanci ghola rizultat tal-interessi ta' 8% fuq l-istess. Dawn l-interessi izda jkunu se mai koperti f'din id-decizjoni f'kaz li din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li, kif mitlub, it-talba ghall-hlas ta' imghax ulterjuri tkun gustifikata.

**It-tieni u l-hames eccezzjoni (ndikata bin-numru 4):**

Illi permezz tat-tieni eccezzjoni taghhom, l-intimati, filwaqt li ma jikkontestawx li l-ammont mitlub huwa dovut mis-socjeta ntimata, jeccepixxu izda li l-ftehim mal-Bank intimat kien dwar 'over-draft' u mhux 'loan' ghalhekk kont jew kontijiet li jindikaw 'loan' u mhux 'over-draft' mhux koperti b'dana li l-intimati jsostnu li ma jistghu qatt jigu mizmuma responsabbli ghall-hlas taghhom.

Permezz tal-hames eccezzjoni taghhom ndikata bin-numru 4 l-intimati jsostnu li qatt ma kien hemm ftehim bejn is-socjeta' ntimata u l-Bank li jmur oltre l-kuntratti u l-iskritturi (garanzija bankarji) msemmija u ghalhekk m'ghandhomx jaghmlu tajjeb ghal dan.

Illi minn analizi tal-atti rrizulta lil din il-Qorti li originarjament il-Bank rikorrent approva 'over-draft' lill-kumpanija ntimata fis-somma ta' Lm15,000 (Kuntratt fl-atti tan-Nutar Spiteri datat 17 ta' Lulju, 1986). Ghal dan l-'over-draft' ghamlet tajjeb il-kumpanija ntimata u whud mill-intimati. Konsegwentement l-'over-draft' gie estiz ghas-somma ta' Lm25,000 (kuntratt fl-atti tan-Nutar Spiteri datat 17 ta' Dicembru, 1987). Konsegwentement kif spjega ben tajjeb ix-xhud mressaq mill-Bank George Cassar White, fid-diversi drabi li tela' jixhed, rrizulta li s-socjeta' ntimata qabzet dan l-ammont diversi drabi. Gie spjegat minn dan ix-xhud li meta dan kien isir kien hemm procedura fejn l-ammont zejjed jinqata mill-kont tal-'over-draft' u jintefa f'kont iehor li amministrattivament u nternament fil-bank ma jibqax jissejjah 'over-draft' izda jigi kunsidrat bhala 'loan' dan sabiex il-kont tal-'over-draft' ma jibqax jaqbez l-ammont awtorizzat. Il-Qorti vverifikat mill-atti li huwa ghalhekk li fl-atti odjerni qed jintalab il-hlas ta' tlett kontijiet u mhux ta' wiehed principali li kien originarjament l-'over-draft'. Fil-mument li kien jinqabez dan l-'over-draft' il-bank kien ukoll jitlob li jigu ffirmati garanziji bankarji ndividwali li lkoll gew esebiti fl-atti u huma lkoll f'isem l-intimati jew l-aventi causa u l-intimati li huma eredi.

Illi minn dak kollu suespost u mill-provi fl-atti l-Qorti tqis li l-Bank rikorrent ressaq bizzejjed provi sal-grad rikjest mil-ligi li dak li qed jitlob hlas tieghu huwa kollu bilanc li originarjament hareg mill-kont 'over-draft' u ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-intimati hija wahda frivola u vessatorja ghall-ahhar, tikkonsisti biss f'loghob bil-kliem, legalment mhux gjustifikata u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

Dwar il-hames eccezzjoni ndikata bin-numru 4, minn dak li rat il-Qorti, fl-atti ma jirrizultax dak espost mill-intimati. Jirrizulta anzi

lill-Qorti li wara l-iffirmar tal-kuntratti pubblici msemmija, l-intimati f'isimhom proprio, f'isem ukoll in-nisa taghhom jew l-aventi causa tal-intimati eredi baqghu konsistentement jibqghu jigu mitluba jidhlu f'garanziji bankarji ulterjuri ntizi sabiex ikopru dak li kien qed jigri mill-kont 'over-draft' originali tant li fl-atti giet esebita garanzija bankarja, li llum issejjah lill-intimati kollha fil-vesti personali taghhom jew bhala eredi fis-somma ta' Lm33,000 datata 2 ta' Gunju, 1992 (ara fol. 32) ekwivalenti f'Euro ghas-somma ta' €77,176.80 u wkoll a fol. 38 giet esebita garanzija bankarja f'isem l-intimati Anthony u Maria Dolores Balzan ghas-somm ta' Lm44,000 (€102,492.430) liema garanzija bankarja ggib id-data tas-17 ta' Lulju, 1996. Evidentement dawn saru bhala konsegwenza ta' dak li kien qed jigri fil-kont 'over-draft' kif xehed George Cassar White fl-atti. Tirrizulta wkoll dokumentazzjoni fl-atti mibghuta lid-Diretturi kollha tal-kumpanija li jirrizulta li kienu l-intimati ahwa Balzan u missierhom Francis Xavier illum mejjet rapprezentat mill-eredi ntimati fl-atti odjerni, fejn dawn gew infurmati b'dak li qed jigri fil-kont (ara bhala ezempju fol. 40 ittra datata 25 ta' Mejju, 1992).

Il-Qorti ghalhekk tqis li anki din il-hames eccezzjoni li ggib in-numru 4 mihiex gustifikata u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**It-tielet eccezzjoni bin-numru 2:**

Illi t-tielet eccezzjoni li izda ggib in-numru 2 ukoll ssostni li z-zewg kuntratti pubblici gia suesposti jsostnu espressament illi l-limitu komplessiv qatt ma seta jaqbez is-somma ta' Lm25,000 u ghalhekk qatt ma seta jigi maqbuz.

Il-Qorti rat li ghall-kuntrarju ta' dak li jsostnu l-intimati effettivament s-socjeta' ntimata bl-agir taghha stess qabzet diversi

drabi l-ammont tal-'over-draft' permess lilha billi harget cekkijiet oltre dan l-ammont. Jirrizulta li meta dan sehh il-Bank odjern flok waqqaf il-facilita' wasal ghal arrangamenti mas-socjeta' ntimata, wkoll mal-intimati bhala garanti, li l-ammont zejjed jigi trasferit f'kont iehor u jitqies bhala 'loan' u ghal dan il-ghan il-Bank talab ukoll li jigu ffirmati garanziji ulterjuri minghand l-istess intimati. Dan ma jfissirx izda li dan l-ammont ma jibqax dovut la mis-socjeta ntimata wisq anqas mill-garanti li ghamlu tajjeb ghall-kont originali. L-intimati, nkluz is-socjeta' ntimata, setghu fil-mument li l-'over-draft' jinqabez ihallsu d-differenza sabiex b'hekk ma jkunx hemm bzonn li l-ammont zejjed jigi trasferit f'kont iehor izda dan ma ghamluhx, anzi fl-ebda mument ma oggezzjonaw ghal din il-procedura nonostante li rrizulta mill-atti li l-garanti anki personalment kienu ben konxji tal-arrangamenti li kienu qed isiru mal-banek. Il-Qorti tqis li anki jekk hu minnu li xi hadd mill-intimati ma kienx jaf dan kien biss ghaliex kienu jafdaw fil-garanti l-ohrajn li kienu jiehdu hsieb. Dan qed jinghad b'referenza partikolari ghax-xiehda tal-intimata Mary Balzan.

Illi in vista tal-provi fl-atti u ta' dak suespost, il-Qorti tqis li anki din it-tielet eccezzjoni da parti tal-intimati mhiex fattwalment u legalment gustifikata u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Ir-raba' eccezzjoni bin-numru 3:**

Illi r-raba' eccezzjoni tal-intimati ssostni li l-formoli ta' garanzija li fuqhom il-bank rikorrenti jsejjes il-kawza tieghu kellhom limiti u kundizzjonijiet specifi fir-rigward ta' kull garanti liema limiti ghandhom jigu applikati b'mod rigoruz b'dan li ghalhekk kull garanti ntimat ghandu biss jaghmel tajjeb ghal dak l-ammont u mhux ghall-ammont kollu.

Il-bank rikorrent ma jaqbilx ma' dan l-argument stante li jsostni li legalment dawn il-garanziji bankarji huma dejjem ta' natura solidali u li allura l-bank rikorrenti ghandu kull dritt li jdur fuq il-konvenuti bhala garanti sabiex ihallsu s-somom ta' flus mislufa lis-socjeta' Balsons Autoparts Company Limited.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-Bank rikorrent jaghmel fl-ewwel lok referenza ghall-artikolu 1941 tal-Kodici Civili (Kap. 12) li jaqra kif isegwi:

'Il-garanti fi hwejjeg tal-kummerc, meta ma jkunx hemm ftehim xort'ohra, jitqiesu dejjem li hu obbligat in solidum mad-debitur.'

Jaghmel ukoll referenza ghall-artikolu 115 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) li jaqra kif isegwi:

'115 (1) Fl-obbligazzjonijiet kummercjali, hu prezunt, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, li l-kondebituri huma obbligati in solidum.

(2) L-istess prezunzjoni tghodd ghall-garanti, ukoll jekk ma jkunx kummercjant, illi jaghmel tajjeb ghall-obbligazzjoni kummercjali.'

Il-Qorti rat ukoll u hadet nota tal-gurisprudenza kkwotata mill-Bank rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

Illi jirrizulta car mill-ligi li l-prezunzjoni hija favur li l-garanti jaghmel tajjeb ghall-obligazzjoni kummercjali in solidum sakemm izda ma jirrizultax ftehim mod iehor. Jehtieg ghalhekk li jigu analizzati dokumenti li permezz taghhom l-intimat dahlu garanti ghas-socjeta ntimata li gew elenkati aktar il' fuq f'din id-decizjoni u cioe' z-zewg kuntratti u l-garanziji ffirmati minnhom.

Illi b'referenza ghall-kuntratt datat 17 ta' Lulju, 1986 fejn inghata l-'over-draft' ta' Lm15,000 il-Qorti rat li l-intimati Anthony, Michael u Costantino Balzan u Francis Xavier Balzan dahlu garanti fuq l-istess kuntratt:

'to better guarantee the repayment of the over-draft facilities, the payment of interests thereon and the faithful performance and observance of all the obligations under-taken by the Customer on this deed.' (Fol 8).

'The engagements of the customer and/or the surities on this deed shall be continuing ones and shall remain in force for all the time that the customer shall have an account or accounts with the Bank at any6 of its branches or sub-branches and until the aforesaid hypothec is cancelled, notwith-standing that such account or accounts shall have been in credit or dormant for any length of time.' (fol. 10)

A fol. 10 izid 'The hypothecary guarantee granted by the sureties on this deed is in support of a guarantee signed by the surities on the bank's form, and is being granted with the consent of the surities' wives as appears from the attached Documents A, B, C and D.' (fol. 10).

Fil-kuntratt datat 17 ta' Dicembru, 1987 li permezz tieghu l-'over-draft' gie estiz ghas-somma ta' LM25,000 l-istess Anthony, Michael u Costantino Balzan u Francis Xavier Balzan dahlu garanti ghall-kapital u l-imghaxijiet li jistghu jigu dovuti kif isegwi:

'Moreover, in order to better guarantee the repayment of the overdraft facilities, the payment of interests thereon and the faithful performance and observance of all the obligations undertaken by the Customer on this deed, appearers Anthony, Michael and Costantino, brothers Balzan proprio and Francis Xavier Balzan hereby stand joint and several surities with the customer in favour of the Bank, which accepts, and secure this obligation by means of a general hypothecation over all their property, present and future.' (fol. 15)

F'dan il-kuntratt jigi ripetuti l-klawzoli suesposti u cioe':

'The engagements of the customer and/or the surities on this deed shall be continuing ones and shall remain in force for all the time that the customer shall have an account or accounts with the Bank at any of its branches or sub-branches and until the aforesaid hypothecs are cancelled, notwithstanding that such account or accounts shall have been in credit or dormant for any length of time.' (fol. 18)

'The hypothecary guarantee granted by the surities on this deed is in support of a guarantee signed by the surities on the bank's form, and is being granted with the consent of the surities wives as appears from the documents attached to a deed in my records of today.' (fol. 19)

Illi minn dawn il-kuntratti jirrizulta li l-obbligazzjoni li dahlu ghaliha l-intimati msemmija flimkien man-nisa taghhom kienet wahda solidali mal-kumpanija u li ma kien hemm ebda eccezzjoni ghal dan fil-kuntratt.

Jehtieg izda li wiehed jezamina wkoll il-garanzija bankarji msemmija fl-istess kuntratti li jinsabu esebiti fl-atti u li gia saret referenza ghalihom aktar il' fuq f'din id-decizjoni. Il-Qorti gharblet dawn il-garanziji kollha esebiti li jibdew minn fol. 28 il' quddiem.

Il-Qorti vverifikat li minn dawn il-garanziji jirrizulta li l-intimati kollha huma koperti, kemm in vista ta' dak dikjarat fil-kuntratti suesposti ghal dak li huma n-nisa tal-firmatarji u wkoll il-fatt li l-garanziji jippreditaw is-sena 1993 u ghalhekk il-ligi ma kinitx tirrikjedi l-firma tal-mara. Ukoll mhux kontestat li l-intimati Margherita Jaccarini nee' Balzan, Anna Maria Abdilla, Costantino Balzan, Anthony Balzan, Michael Balzan u Mary Balzan huma wkoll garanti fil-vesti ta' eredi ta' Francis Xavier Balzan.

Illi l-Bank rikorrent jaghmel referenza specifika ghall-klawzoli numru 1, 4 u 5 tal-garanziji rispettivi u jsostni li rizultat ta' dak dikjarat f'dawn il-klawzoli l-intimati kkostitwew ruhhom bhala garanti solidali flimkien u in solidum tal-kumpanija ntimata. Referenza partikolari ssir ghall-kliem:

'to pay you all sums of money which may now be or which hereafter may from time to time become due or owing to you anywhere from or by the Principal' (klawzola 1)

'the liability of the undersigned for interest, every sum of money which may now be or which hereafter may from time to time become due or owing to you as aforesaid by the Principal shall be deemed to continue due and owing to you by the Principal until the same shall be actually repaid to you . . .'; (Klawzola 4)

u

‘This Guarantee is to be in addition to and is not to prejudice or be prejudiced by any other securities or guarantees (including and guarantee signed by the undersigned) which you may now or hereafter hold from or on account of the principal and is to be binding or the undersigned as a continuing security notwithstanding any payments from titme to time made to you or any settlement of account or disability or incapacity affecting the undersigned or any other thing whatsoever.’ (klawzola 5)

Il-Qorti fehmet li l-argument tal-intimati tqajjem a bazi tal-klawzola 2 ta’ dawn il-garanziji fejn wiehed isib indikat li din ma ghandhiex teccedi certu ammont. Il-problema fl-interpretazzjoni tal-intimati hija li l-klawzola 2 ma tistax tinqara wahedha izda trid bilfors tinqara mal-bqija tal-garanzija fejn il-klawzoli ndikati mill-bank suesposti jaghmluha cara li l-garanzija li kienet qed tinghata kienet wahda wiesa hafna fis-sens li tkopri kull ammont dovut mis-socjeta’ ntimata sakemm jinqata’ dak kollu dovut, irrilevantement ukoll minn pagamenti li jkunu saru fil-mori. L-uzu tal-kliem ‘jointly and severally’ fl-istess garanzija ma jhalli l-ebda dubju wkoll li l-obbligu tal-garanti huwa appuntu wiehed separat u anki solidali fil-konfront tal-Bank rikorrent.

Illi apparti l-interpretazzjoni suesposta tal-garanziji u li ghalhekk trendi din l-eccezzjoni tal-intimati nsostenibbli, l-Qorti taghmel referenza ghall-garanzija bankarja a fol. 32 tal-process li ssejjah l-intimati kollha jew ghar-raguni li kienu firmatarji jew in-nisa taghhom jew l-eredi li hija ghas-somma ta’ Lm33,132 li tradotti ghal Euro jigu fl-ammont ta’ €77,176.80, b’dana li huwa car ghal din il-Qorti li fi kwalunkwe kaz l-intimati kollha taw garanzija ghal ammont oltre dak mitlub mir-rikorrenti fil-kaz odjern. L-imghaxijiet fuq is-somma jibqghu dejjem koperti stante li

specifikatament mnizzla fil-kuntratti pubblici hawn fuq imsemmija u wkoll fil-garanziji.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad ukoll din l-eccezzjoni.

**L-ewwel u l-ahhar eccezzjoni:**

Illi dawn l-eccezzjonijiet jikkontestaw it-talbiet tal-bank rikorrenti in generali bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u l-bilanci reklamati. Kif gia suespost, il-bilanci reklamati mill-Bank rikorrent gew evidenzjati permezz ta' varja dokumentazzjoni u nkluz 'statements' relatati ma kull kont individwali liema ammonti bl-ebda mod ma gew kontestati mill-intimati fil-provi migbura. L-unika prova li tressqet kienet ix-xiehda ta' Anthony Balzan fejn sostna li saru xi pagamenti u li nbieghet xi proprjeta' ipotekata sabiex thallas dak dovut izda rrizulta li, nonostante din id-dikjarazzjoni, l-istess Anthony Balzan naqas milli jressaq il-provi dokumentarji dwar dan ghalkemm inghata ampja opportunita' sabiex jaghmel hekk fil-mori tal-kawza.

Illi da parti tieghu l-Bank ressaq provi kemm permezz tax-xiehda ta' George Cassar White u permezz ta' dokumentazzjoni evidenza li l-pagamenti li saru tramite l-bejgh tal-proprjeta', dawn il-pagamenti marru sabiex jigi kopert dejn ta' kumpanija ohra li kienet ukoll proprjeta' tal-intimati bl-isem ta' 'Anti-Theft Electronics Company Ltd' fejn il-garanziji moghtija mill-intimati favur din il-kumpanija gew rilaxxjati konsegwenti ghall-pagamenti. Dawn il-provi wkoll bl-ebda mod ma gew kontestati mill-intimati.

Illi kif gia suespost jirrizulta mill-atti tlett kontijiet bankarji intestati lis-socjeta' ntimata Balsons Autoparts Company Limited,

wiehed 'over-draft' u tnejn ohra 'off-shoots' tal-istess 'over-draft'. Is-somma globali dovuta sad-data tas-17 ta' Lulju, 2015 kienet dik ta' €73,724.56 (ara dokumenti a fol. 20 sa fol. 27) cioe' €30 anqas mis-somma ndikata fir-rikors guramentat. Hija ghalhekk din is-somma li giet debitament pruvata fl-atti. Jirrizulta wkoll ampjament pruvat li din is-somma, ghalkemm dovuta mill-intimati ghal numru ta' snin, baqghet qatt ma thallset lill-Bank rikorrent ghalhekk sehh ksur tal-ftehim da parti tal-intimati, kemm is-socjeta ntimata bhala debitur principali kif ukoll l-intimati l-ohra bhala garanti. Oltre d-data tal-'istatements' in kwistjoni jirrizulta lil din il-Qorti li huwa wkoll dovut imghax ta' 8% fuq is-somma kif indikat ukoll fil-kuntratti fl-atti tan-Nutar Spiteri li gia saret referenza ghalihom u kif ampjament spjegat mix-xhud George Cassar White fl-atti.  It-talba kif imposta ghall-imghaxijiet hija ghalhekk gustifikata.

Ghar-ragunijiet suesposti, dawn l-eccezzjonijiet tal-intimati wkoll jisthoqq li jigu michuda u t-talbiet tal-Bank rikorrenti jisthoqq li jigu milqugha.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati.

2. Tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

a) Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tiddeciedi li sehhew grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi indikati fir-rikors guramentat (ezibiti mal-istess rikors guramentat bhala

Dokumenti "A", "B", "F", "G", "H", "I", "J", "K", "L" u "M") billi l-intimati (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi u (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi indikati.

(ii) Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimati jhallsu flimkien u *"in solidum "* bejniethom lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tlieta u sebghin elf, seba' mija u erbgha u ghoxrin Euro u sitta u hamsin centezmu (€73,724.56) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan u Overdraft Accounts"* ta' Balsons Autoparts Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-18 ta' Lulju 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bir-riservi kif mitluba fl-istess rikors guramentat u bl-ispejjez kollha komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 1 ta' Settembru, 2014 kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**24 ta' Frar, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**24 ta' Frar, 2022**